Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

MALTA

Information and Data Protection Appeals Tribunal

**TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L- PROTEZZJONI TAD-DATA**

Appell Numru 4/2019

Raymond u Mary Ann konjugi Cutajar

Vs

Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Deċizjoni: 27 ta' Ottubru 2020

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

Mizzi House, National Road, Hamrun
THE INFORMATION AND DATA PROTECTION APPEALS TRIBUNAL
Email: dataprotectiontribunal.appeals@gov.mt

**Fatti tal-Każ**

Il-Kummissarju appellat irċieva rapport mingħand terzi li kamera partikolari tal-appellanti timmira minn fuq id-dar tagħhom għal fuq il-garage tagħhom u li bejn l-istess dar u l-istess garage hemm proprjetà ta' terzi.

L-appellanti jikkontendu li d-dar u l-garage tagħhom ma humiex biswit xulxin u għaldaqstant ma jistgħux iwallu CCTV kamera fuq il-garaxx direttament u għalhekk kamera partikolari timmira minn fuq darhom għal fuq il-garaxx tagħhom u għalhekk anke għal fuq il-proprjetà ta' terzi li hija bejn id-dar u l-garaxx tal-appellanti.

Fil-laqgħat li saru bejn il-partijiet irriżulta li il-viżwali tal-kamera taqbad il-bankina u l-post ta' parkeġġ ta' quddiem il-garaxx tal-istess appellanti wkoll u minkejja li ngħatawx istruzzjonijiet mil-Kummissarju permezz ta' ittra tal-20 ta' Awissu 2019 sabiex l-angolu tal-kamera jaqbad biss sal-konfini tal-proprjetà tagħhom u li jekk dan mhux possibbli minħabba restrizzjonijiet tekniċi, il-kamera għandha titneħħa mingħajr dewmien, l-appellanti baqgħu inadempjenti.

Fid-deċiżjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2019 il-Kummissarju appellat ikkonkluda li l-appellanti bħala persuni privati ma għandhom l-ebda bazi legali sabiex jimmoniterjaw zona pubblika, u għaldaqstant l-ipproċessar tad-data qiegħed isir bi ksur lampanti tal-artikolu 6(1) tar-regolament u żamm ferma l-istruzzjonijiet li huwa ta lill-appellanti permezz tal-ittra tiegħu tal-20 ta' Awissu 2019.

Ra l-appell tal-konjugi Cutajar li permezz tiegħu talbu r-revoka tad-deċiżjoni tal-Kummissarju tas-7 ta' Ottubru 2019 u li s-sistema titħalla kif inhi installata bħalissa jew skont dak sottomess mill-appellanti traminte suġġeriment ta' kif jagħmlu aktar black spots u dana stante li skond huma ma kienx hemm xi illegalita materjali inkluża l-irragonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalita.

l-appellanti jispjegaw li huma għamlu masking tramite black spots kif mitluba mill-IPDC; kamera waħda tas-CCTV ma setgħetx titpoġġa direttament fuq il-garaxx tal-appellanti u għal dan kien hemm ġustifikazzjoni teknika; li n-nuqqas ta' proporzjonalita joħroġ mill-fatt li l-appellanti għamlu dak kollu mitlub meta għattew u offrew li jgħattu permezz ta' black spots aktar milli fil-verità huwa meħtieġ skond il-liġi; li huwa għandu dritt iħares il-propjetà tiegħu; li l-Kummissarju qed jagħti interpretazzjoni restrittiva ħafna tar-Regolament u li jekk isir reat huma ma jkunux jistgħu jipprovdu data suffiċjenti lill-awtoritajiet tal-Pulizija ecc sabiex jikkawtelaw lilhom infushom.

Illi fir-risposta tieġ hu l-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data wieġeb li:

Li ir-Regolament huwa Regolament (UE) 2016/679;

li dan ir-Regolament jipprovdi eżenzjoni taħt l-artikolu 2(2)© li jistabbilixxi li "dan ir-Regolament ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali minn persuna fiżika waqt attività purament personali jew fid-dar";

li l- Kontrollur iddeċieda li fil-każ odjern l-appellanti qegħdin jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' kontrolluri ta' data ai termini tal-artikolu 4(7) tar-Regolament u bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dik mogħtija mil-Qorti tal-Unjoni Ewropeja Frantisek Rynes vs Urad pro ochranu osobnich udaju tal-11 ta' Diċembru 2014 fejn il-Qorti interpretat din l-eżenzjoni kif ġej:

"Sa fejn sorveljanza bil-vidjo bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tkopri, anki parzjalment, spazju pubbliku u minħabba f'hekk, tkun diretta 'l barra mill-isfera privata ta' dak li jwettaq l-ipproċessar tad-data b'dan il-mezz hija ma tistax titqies li hija attività' purament "personali jew domestiku" fis-sens tan-tieni inciz tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 95/46".

Li l-bankina u l-post ta' parkeġġ li jinsabu quddiem il-garaxx tal-appellanti jkopru spazju pubbliku u għalhekk kwalunkwe monitoragg sistematiku ta' zona aċċessibbli għall-pubbliku jikkostitwixxi pproċessar ta' data personali u għalhekk għandu jkun konformi ma' dak mitlub fl-artikolu 6(1) tar-regolament.

Li ma hemm ebda "irragonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalita" fid-deċiżjoni tal-Kummissarju. Ai termini tal-artikolu 6(1) (f) tar-Regolament , il-kontrollur tad-data jista' jipproċessa d-data għall-finijiet tal-interessi leġittimi tiegħu sakemm dawk l-interessi sakemm dawk l-interessi ma jingħelbux mid-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-data. Li Premessa 47 tar-Regolament tispjega illi jeħtieġ li jkun hemm valutazzjoni bir-reqqa li tibbilancja bejn l-interess leġittimi tal-kontrollur tad-data u d-drittijiet tas-suġġett tad-data. Illi fil-każ odjern l-appellanti ma għandhom l-ebda interess leġittimu konvinċenti sabiex jirrekordjaw b'mod sistematiku zona aċċessibbli mill-pubbliku.

Il-linji ta' gwida Guidelines 3/2019 on processing of personal data through video devices adottati fl-10 ta' Lulju 2019 u maħruġa mil-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jistipulaw li: "the legitimate interest needs to be of real existence and has to be a present issue (i.e. it must not be fictional or speculative. A real-life situation of distress needs to be at hand – such as damages or serious incident in the past – before starting the surveillance".

Li mhux minnu li l-appellanti għamlu dak kollox mitlub anzi komplew jippersistu bl-illegalita tal-ipproċessar ta' dan billi l-kamera kienet se tibqa taqbad il-bankina u l-post ta' parkeġġ ta' quddiem il-garaxx u dan bi ksur manifest tar-Regolament.

Li l-appellanti ma ġarbu ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom tant li l-Kummissarju qatt ma ordna lill-appellanti biex il-kamera ta' CCTV ma taqbadx il-proprjetà tagħhom iżda r-restrizzjoni kienet biss fir-rigward ta' spazji pubbliċi.
Ra ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkonsidra**

Li l-mertu jirrigwarda jekk CCTV kamera mwahla mill-appellanti għandhiex tagħti għal fuq il-bankina u l-parkeġġ fi spazju pubbliku.

**Household Exemption**

l-appellanti jikkontendi li huwa jikwalifika għal 'household exemption' ai termini tal-artiklu 2(2)(c) tal-GDPR li jistabbilixxi li l-ipproċessar ta' data personali minn persuna naturali fil-kors ta' attività purament personali jew fid-dar li tinkludi online activity ma jgħoddx għal GDPR. Illi għalhekk il-GDPR ma tapplikax għal dak li jirrigwarda l-ħajja privata tiegħek tal-kuljum , cioe d- 'domestic use exemption' li tapplika għal attivitajiet purament personali u fil-household.

l-artikolu 4 tal-GDPR jiddefinixxi 'personal data' as any information related to an 'identified or identifiable natural person' so in the context of CCTV, if you are identifiable from the images then those images can be regarded as personal data and the GDPR and Data Protection Act will apply.

Dan it-Tribunal jagħmel referenza wkoll għall-European Data Protection Board ('EDPB') li twaqqaf bis-saħħa ta' General Data Protection Regulation fil-*Guidelines on the processing of personal data thorough video devices* . Dawn il-guidelines jistabbilixxu l-prinċipju li 'any installed cameras should only record those areas that need to be surveilled. U jagħtu eżempju tipiku ta' ħanut bil-kamera installata barra biex timmonitorja l-entratura ta' dan il-ħanut u t-twieqi tiegħu biex jipproteġi kontra s-serq u l-vandaliżmu. Tali guidelines jistabbilixxu li "wherever possible those cameras should not also monitor the pavement or the road outside, since that would mean that personal data of persons who simply pass by and never even enter the shop are being processed which would exceed the purpose of installing such cameras ie security. Hence the principle of data minimization – only collecting that data which is strictly necessary – as enshrined by the GDPR plays a key role in video surveillance. (sottolinear ta' dan it-Tribunal).

The boundaries of the '*domestic use exemption*' ġew stabiliti fil-każ **Rynes** tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja. Dan kien kaz fejn saret referenza lill-Qorti tal-Unjoni Ewropea fi kliem ieħor saret talba lill-istess Qorti dwar t-tifsira tal-Artiklu 3(2) tad-direttiva 95/46/EC tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward l-ipproċessar ta' data personali u l-moviment ħieles ta' tali data (OJ 1995 L 281, p 31). U dana stante li s- CCTV li istalla Rynes fil-proprjetà tiegħu kienet t'irrekordja mhux biss dak li jsir fil-fond ta' tiegħu iżda wkoll fi spazju pubbliku u li għalhekk lil-kwistjoni kienet jekk Rynes jikkwalifikax għal household exemption.

Il-każ jirrigwarda istallazzjoni ta' CCTV li kienet t'irrekordja footage fil-front garden ta' Rynes u li kienet ukoll t'irrekordja wkoll dak li jiġri fil-mogħdija barra d-dar u anke xi proprjetà tal-ġirien. Il-Qorti rriteniet li la is-CCTV kienet qed tikkaverja proprjetà il barra mill-proprjetà ta' Rynes id-domestic use exemption ma tapplikax u għalhekk Rynes huw meqjuz bħala 'kontrollur ta' data personali': " *To the extent that video surveillance such as that at issue in the main proceedings covers even partially a public space and is accordingly directed outwards from the private setting of the person processing the data in that manner, it cannot be regarded as an activity which is a purely 'personal or household' activity for the purposes of the second indent of Article 3 ( 2) of Directive 95/46.(sottolinear ta' dan it-Tribunal).*

*At the same time the application of Directive 95/46 makes it possible, where appropriate to take into account – in accordance, in particular, with Articles 7 (f), 11 (2) and 13(1) (d) and (g) of that directive – legitimate interest pursued by the controller, such as the protection of the property health and life of his family and himself as in the case in the main proceedings.*

*Consequently the answer to the question referred is that the second indent of Article 3(2) of Directive 95/46 must be interpreted as meaning that the operation of a camera system as a result of which a video recording of people is stored on a continuous recording device such as a hard disk drive installed by an individual on his family home for the purposes of protecting the property, health and life of the home owners, but which also monitors public space does not amount to the processing of data in the course of a purely personal or household activity, for the purposes of that provision."*

Illi mill-atti jirrizulta li s-CCTV ġiet installata b'mod li tagħti għal fuq parking space li huwa pubbliku u għal fuq parti tat-triq li hija pubblika u għalhekk l-appellanti jikwalifika bħala 'data controller' ai termini tal-GDPR u ma jistgħax jingħad li l-appellanti jista' jiġi eżentat mir-regolamenti tal-GDPR.

**Legitimate interest**

Argument ieħor li ġabu l-appellanti huwa li huma għandhom legitimate interest li jagħmlu c-CCTV b'dan il-mod kemm minħabba argumenti li kellhom mal-ġirien kif ukoll għal protezzjoni tagħhom.

L-artikolu 6 (1) (f) jgħid hekk: Video surveillance is lawful if it is necessary in order to meet the purpose of a legitimate interest pursued by a controller or third party unless such interests are overridden by the data subject's interests or fundamental freedoms.

Fil-każ ICJEU case C - 709/18 p 44, il-Qorti Ewropea spjegat li "the legitimate interest needs to be of real existence and must be a present issue (i.e. it must not be fictional or speculative ). A real life situation of distress needs to be at hand – such as damages or serious incidents in the past – before starting the surveillance."

Illli l-EDPB jindikaw li jkun hemm interess leġittimu meta jkun hemm sitwazzjoni ta' periklu reali fuq il-propjetà u għalhekk jeħtieġ is-CCTV biex wieħed jipproteġi l-proprjetà tiegħu minn serq, u vandalizmu. "*However the controller should consider that if the data subject objects to the surveillance in accordance with Article 21 the controller can only proceed with the video surveillance of that data subject if it is a compelling legitimate interest which overrides the interest, rights and freedoms of the data subject or for the establishment, exercise or defence of legal claims.*"

Illi għalhekk dan it-Tribunal irid janalizza jekk l-appellanti għandhomx 'a compelling legitimate interest' li jiżboq il-privatezza.

L-appellanti preżentaw c-ċitazzjoni li ħarġu l-pulizija fil-konfront tal-ġirien sabiex jippruvaw li għandhom il-compelling legitimate interest iżda tali proċeduri ma ġewx konklużi u oltre dan tali inċidenti ma jammontawx għal inċidenti serji u setgħu ġew evitati kieku l-appellanti japplikaw mal-awtoritajiet sabiex ħadd ma jista' jipparkja lanqas huma quddiem il-garage tagħhom. Dan qed jingħad għaliex anke jekk l-appellanti jkollhom kaxxa safra quddiem il-garage tiegħu xorta waħda wieħed jista' jipparkja quddiem il-garage tagħhom u min jagħmel dan għandu jne dan għandu jneħħiha kif ċemplulu l-pulizija mentri jekk ikollu z-żewġ linji sofor quddiem l-istess garage ħadd ma jkun jista' jipparkja quddiem tali garage lanqas sid il-garage stess.

Li għalhekk l-appellanti ma jistgħax jingħad li għandhom raġun f'dan ir-rigward lanqas.

**Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tal-appellanti u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju tas-7 ta' Ottubru 2019.**

Dr Anna Mallia
Chairperson

Mr Charles Cassar
Membru

Mr David Bezzina
Membru

Mizzi House, National Road, Hamrun
THE INFORMATION AND DATA PROTECTION APPEALS TRIBUNAL
Email: dataprotectiontribunal.appeals@gov.mt